# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1264/2013

## tat-3 ta' Diċembru 2013

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasporaturi tal-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi tal-ajru] li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija tal-ajru [tat-trasportatur tal-ajru] li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([3]) li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("EASA") taw informazzjoni lill-Kummissjoni li hi rilevanti għall-aġġornament tal-lista Komunitarja. L-informazzjoni rilevanti kienet waslet ukoll mingħand pajjiżi terzi. Il-lista Komunitarja trid tiġi aġġornata skont din l-informazzjoni.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi tal-ajru kollha kkonċernati jew direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom għandha tkun imsejsa deċiżjoni biex timponi fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni Ewropea jew biex timmodifika l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni tat lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati l-opportunità li jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, sabiex iressqu kummenti bil-miktub u biex jagħmlu preżentazzjoni orali quddiem il-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 (il-"Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru") ([4]).

(5) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru rċieva aġġornament mingħand il-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li kienu għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament ta' implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 473/2006, mal-awtoritajiet kompetenti u mat-trasportaturi tal-ajru tal-istati tar-Repubblika ta' Guinea, l-Indoneżja, il-Każakstan, il-Kirgiżistan, il-Lebanon, l-Iran, Madagaskar, ir-Repubblika Islamika tal-Mawritanja, il-Możambik, in-nepal, il-Filippini, u ż-Żambja. Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru rċeva wkoll informazzjoni mingħand il-Kummissjoni dwar l-Albanija, l-Indja, il-Jemen u ż-Żimbabwe. Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru rċieva wkoll aġġornamenti mill-Kummissjoni dwar konsultazzjonijiet tekniċi mal-Federazzjoni Russa u dwar il-monitoraġġ tal-Libja.

(6) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi tar-rapporti tal-awditjar li għamlet l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) fil-qafas tal-Programm Universali tal-Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza (Universal Safety Oversight Audit Programme - USOAP). L-Istati Membri ġew mistiedna jagħtu prijorità lil spezzjonijiet fir-rampa fuq it-trasportaturi tal-ajru mogħtija l-liċenzja minn stati li fil-każ tagħhom l-ICAO tkun identifikat Kwistjonijiet Sinifikanti dwar is-Sikurezza (Significant Safety Concerns, SSC) jew li fil-każ tagħhom l-EASA tkun ikkonkludiet li hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza. Minkejja l-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa se toffri l-possibbiltà li tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza fuq it-trasportaturi tal-ajru li huma detenturi ta' liċenzji f'dawk l-istati.

(7) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi ta' spezzjonijiet fir-rampi mwettqa fil-Programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA") f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([5]).

(8) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar il-proġetti ta' għajnuna teknika mwettqa fi stati milquta b'miżuri u monitoraġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Il-Kumitat ġie infurmat bil-pjanijiet tal-EASA u bit-talbiet għal aktar għajnuna u kooperazzjoni teknika għat-titjib fil-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bil-għan li jissolvew nuqqasijiet ta' konformità bi standards internazzjonali applikabbli. L-Istati Membri

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14.
([4]) Ir-Regolament (KEE) Nru 3922/1991 tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili, ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1.

kienu mistiedna wkoll jirrispondu dawn it-talbiet fuq bażi bilaterali f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EASA. F'din l-okkażjoni, il-Kummissjoni enfasizzat kemm huwa utli li tingħadda informazzjoni lill-komunità tal-avjazzjoni internazzjonali, partikolarment permezz tad-dejtabejż SCAN tal-ICAO, dwar l-għajnuna teknika li tingħata mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha sabiex titjieb is-sikurezza tal-avjazzjoni madwar id-dinja.

(9) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' wkoll preżentazzjoni tal-EUROCONTROL dwar il-qagħda u l-iżvilupp fis-sistema tal-alarm li tappoġġja l-programm SAFA tal-UE. Inġibdet l-attenzjoni partikolari għal statistika dwar il-messaġġi ta' twissija għal trasportaturi pprojbiti u għal titjieb possibbli fis-sistema.

**Ir-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea**

(10) Wara l-analiżi mill-EASA ta' informazzjoni li rriżultat minn spezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA li twettqu fuq inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jew minn spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mill-EASA kif ukoll minn spezzjonijiet u awditi speċifiċi għal ċerti oqsma mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom, bosta Stati Membri wettqu ċerti miżuri ta' infurzar u għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru dwar dawk il-miżuri. Ir-Rumanija infurmat li ċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") tat-trasportatur Jetran Air ġie revokat, u Spanja infurmat li l-AOC ta' IMD Airways kien skada u qiegħed fil-proċess biex jiġi revokat.

(11) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza imminenti tindika li hemm riskji ta' sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni ma' standards xierqa ta' sikurezza, l-Istati Membri saħqu li huma lesti jaġixxu kif meħtieġ.

**It-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika tal-Guinea**

(12) Kif inqabel fil-laqgħa li saret Brussell f'Jannar 2013, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Guinea (DNAC) taw informazzjoni regolari dwar l-implimentazzjoni li għaddejja tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva ("PAK"), li approvat l-ICAO f'Diċembru 2012, kif ukoll kull attività relatata miegħu.

(13) L-aħħar rapport ta' progress li wasal fil-15 ta' Ottubru 2013, ta dettalji dwar l-aktar attivitajiet u żviluppi riċenti fejn tidħol l-implimentazzjoni tal-PAK. It-traduzzjoni għall-Franċiż tar-Regolamenti tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika tal-Ginea (oriġinarjament ispirati minn u adottati minn regolamenti eżistenti ta' pajjiżi ġirien li jitkellmu bl-Ingliż) ġiet konkluża fil-bidu ta' Awwissu 2013. L-Att rivedut dwar l-Avjazzjoni Ċivili ntbagħat lill-Parlament għall-adozzjoni fil-21 ta' Awwissu 2013. Is-Sistema ta' Taħriġ għall-Ispetturi li pproponiet l-Organizzazzjoni tas-Sorveljanza tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Banjul Accord Group (BAGASOO) ġiet adottata. Lill-ICAO, il-punt fokali ta' Guinea għall-Oġġetti Perikolużi ġie deżinjat u notifikat fit-3 ta' Settembru 2013.

(14) Id-DNAC ressqu l-PAK rivedut u aġġornat lill-ICAO fit-30 ta' Awwissu 2013. Kull azzjoni korrettiva pjanata għall-2012 u għall-ewwel nofs tal-2013 ġiet implimentata u l-azzjonijiet korrettivi pjanati għat-tielet (3) u r-raba' (4) kwart tal-2013 għadhom għaddejjin. Il-validazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet mill-ICAO għadha pendenti.

(15) Kull Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") eżistenti ġie sospiż fl-aħħar ta' Marzu 2013, qed issir ċertifikazzjoni (f'5 fażijiet) konformi mal-ICAO ta' trasportatur tal-ajru nazzjonali (PROBIZ Guinée, li jopera inġenju tal-ajru wieħed Beechcraft King Air 90) bl-għajnuna l-appoġġ ta' missjoni CAFAC/BAGASOO speċifika, u fl-istess waqt qed isir taħriġ fuq lant tax-xogħol lill-ispetturi tad-DNAC dwar il-proċess kollu. PROBIZ ma joperax fl-Unjoni.

(16) Id-DNAC talbu ICVM biex jivvalidaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-PAK u l-ICAO qed tippjana li twettaq dan f'Mejju 2014.

(17) Jekk xi informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tkun tindika li hemm riskji imminenti għas-sikurezza bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali ta' sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Indja**

(18) Il-Kummissjoni semmiet l-impenn kontinwu mal-Awtoritajiet Indjani fejn tidħol is-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru tagħha. Il-Kummissjoni kitbet lid-Direttorat Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili ("DGCA") tal-Indja f'Ottubru 2007 u f'Jannar 2010, dwar ċerti trasportaturi tal-ajru li għalihom id-DGCA għandu responsabbiltà regolatorja u kienet sodisfatta bit-tweġibiet li waslulha.

(19) Dwar avvenimenti aktar riċenti, f'Diċembru 2012 saret Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata tal-ICAO ("ICVM") li wasslet għall-kwistjoni ta' żewġ każijiet ta' tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza ("SSC") L-ewwel SSC kellu x'jaqsam mal-proċess taċ-ċertifikazzjoni għal Ċertifikati tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") u t-tieni SSC kellu x'jaqsam mal-approvazzjoni tal-modifiki u t-tiswijiet fl-inġenji tal-ajru ta' inġenju tal-ajru ċċertifikat skont it-tip u rreġistrat l-Indja. Fit-30 ta' April 2013, il-Kummissjoni kitbet għal darbohra lill-Awtoritajiet Indjani biex titlobhom aktar dettalji dwar is-SSCs, u biex tqajjem kwistjonijiet oħra dwar il-monitoraġġ ta' rutina tal-informazzjoni dwar is-sikurezza mill-EASA fejn tidħol is-sorveljanza tas-sikurezza fl-Istat Indjan. Fl-10 ta' Mejju 2013, id-DGCA wieġeb u ta dettalji dwar l-azzjonijiet korrettivi għall-SSCs. F'Awwissu 2013 saret it-tieni ICVM tal-ICAO għall-Indja sabiex ikun vverifikat jekk l-Indja rnexxilhiex timplimenta l-azzjonijiet korrettivi li nqablu mal-ICAO. Wara din l-ICVM, l-ICAO neħħiet is-SSCs. Ir-rapport sħiħ tal-ICVM għadu mhux disponibbli.

(20) Rilevanti aktar hu l-fatt li l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni ("FAA") tal-Istati Uniti għamlet żjara ta' Valutazzjoni Internazzjonali tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("IASA") f'Awwissu 2013. Fid-dawl tal-qagħda attwali, l-Istat Indjan żamm l-istatus ta' konformità tiegħu tal-Kategorija 1 tal-FAA. Madankollu, jekk fil-futur dan l-istatus imur għall-agħar, il-Kummissjoni jkollha qis kif xieraq li tibda konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet Indjani skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(21) L-Istati Membri se jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lill-operaturi Indjani skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Indoneżja**

(22) Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja (id-DGCA) għadhom għaddejjin bil-għan li jiġi mmonitorjat il-progress tad-DGCA biex ikun żgurat li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat fl-Indoneżja hi konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(23) Fit-2 ta' Awwissu 2013 il-linja tal-ajru PT. Citilink Indonesia kitbet lill-Kummissjoni biex titlobha tneħħiha mill-Anness A. Mal-ittra għadditilha dokumentazzjoni estensiva dwar it-tlestija tal-proċess ta' ċertifikazzjoni f'5 fażijiet.

(24) Fil-5 ta' Novembru 2013 saret laqgħa teknika fi Brussell bejn Citilink Indonesia, il-Kummissjoni, l-EASA u l-Istati Membri biex jirrevedu d-dokumentazzjoni estensiva li tat il-linja tal-ajru. Id-DGCA ġie mistieden ukoll għal din il-laqgħa, iżda ddeċieda li l-parteċipazzjoni tiegħu ma kinitx indispensabbli f'dan il-waqt. Skont dik il-laqgħa, il-Kummissjoni se tikkomunika mad-DĠCA biex tikseb il-kjarifiki meħtieġa kollha biex tkun tista' tiddeċiedi jekk u meta se tkun f'pożizzjoni li tipproponi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq Citilink Indonesia.

(25) Id-DGCA fl-ittra tiegħu datata t-23 ta' Ottubru 2013 ta wkoll informazzjoni aġġornata dwar trasportaturi tal-ajru oħra li qed jissorvelja. Dan informa lill-Kummissjoni li fit-23 ta' April 2013 inħareġ AOC bin-numru 121-050 għal PT Batik Air Indonesia. Madankollu, billi d-DGCA ma tax evidenza li tiżgura li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dan it-trasportatur tal-ajru hi konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, abbażi tal-kriterji komuni, tqies li dan it-trasportatur għandu jiddaħħal fl-Anness A.

(26) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tkompli tinkoraġġixxi l-isforzi tad-DGCA biex tintlaħaq il-mira tagħhom li jistabbilixxu sistema ta' avjazzjoni konformi bis-sħiħ mal-istandards tal-ICAO.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Każakstan**

(27) Il-Kummissjoni ssoktat b'konsultazzjonijiet attivi mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan biex issir taf u tissorvelja l-progress ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti fl-isforzi fit-tul tagħhom biex jiżguraw li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat fil-Każakistan tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(28) B'mod partikolari, f'ittra datata t-8 ta' Awwissu 2013, il-Kummissjoni tal-Avjazzjoni Ċivili ("CAC") tal-Każakstan infurmat dwar l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid li għaddejjin bil-ħsieb li tallinja l-proċeduri u l-prattiċi għall-ħruġ u s-sorveljanza taċ-ċertifikati tal-operaturi fil-Każakstan ma' dawk tal-ICAO. Il-Kummissjoni tal-Avjazzjoni Ċivili infurmat ukoll li minħabba f'hekk, bosta operaturi tal-ajru kellhom iċ-ċertifikati tagħhom sospiżi jew revokati.

(29) Fit-18 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni waslulha dokumenti li min-naħa jikkonfermaw ir-revoka ta' sitt ċertifikati tal-operaturi tal-ajru ("AOC") li huma ta' "Mega", "Samal", "Euro-Asia Air International", "Asia Continental Airlines", "Deta Air" u "Kazair West" (li kien diġà ċċertifikat mill-ġdid skont ix-xogħol fl-ajru, u kien diġà tneħħa mill-Anness A ([1])), u min-naħa l-oħra jikkonfermaw is-sospoensjoni sal-4 ta' Awwissu 2013 tal-AOCs għal "Semeyavia" u "Irtysh Air". Minħabba f'hekk is-CAC infurmat ukoll li safrattant l-AOC ta' "Semeyavia" laħaq skada u li l-operatur ma applikax għal estensjoni jew ħruġ mill-ġdid. L-AOC ta' "Irtysh Air" ġie sospiż għal perjodu ieħor mhux speċifikat. Billi s-sospensjoni ta' AOC hi miżura temporanja li mhux bilfors tkun tinvolvi li jieqfu l-operazzjonijiet ta' titjir tal-operatur tal-ajru, "Irtysh Air" għandu jibqa' fl-Anness A. Għaldaqstant, skont il-kriterji komuni, hu vvalutat li s-sitt operaturi tal-ajru "Mega", "Samal", "Euro-Asia Air International", "Asia Continental Airlines", "Deta Air" u "Semeyavia" għandhom jitneħħew mill-Anness A.

(30) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jappoġġjaw il-miżuri li ħadu l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan dwar it-twaqqif ta' sistema tas-sorveljanza tal-avjazzjoni ċivili konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Dwar dan, tistedinhom iħaffu u jintensifikaw l-isforzi għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva kif miftiehem mal-ICAO, billi jiffokaw fuq l-għeluq malajr taż-żewġ każijiet ta' tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza. Il-Kummissjoni tħeġġeġ ukoll il-parteċipazzjoni attiva tal-Każakstan fil-proġett TRACECA tal-Unjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-titjib tal-għarfien u tal-esperjenza tal-ispetturi tas-sikurezza tal-Kummissjoni tal-Avjazzjoni Ċivili.

(31) Bl-għajnuna tal-EASA u bl-appoġġ tal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tibqa' impenjata biex torganizza żjara fuq il-post fil-Każakstan u biex tħejji rieżami tal-każ permezz tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, ladarba ikun sar progress biżżejjed biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1146/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012, ĠU L 333, 5.12.2012, p. 7.

(32) Fejn jidħlu l-operazzjonijiet ta' titjir ta' Air Astana lejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-EASA kkonfermaw li ma kienx hemm tħassib speċifiku li ħareġ mill-ispezzjonijiet fir-rampa li saru fl-ajruporti tal-Unjoni fil-qafas tal-programm tas-SAFA. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri se jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni u l-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom isiru fuq l-inġenji tal-ajru ta' Air Astana skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012. Skont dan, il-Kummissjoni se tħejji rieżami tal-limitazzjonijiet attwali fuq l-operat ta' Air Astana għal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Kirgiżistan**

(33) Għaddejjin konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan sabiex jiġu identifikati trasportaturi tal-ajru li ċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tagħhom jaf jilħqu l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u li fil-konfront tagħhom jista' jkun previst li r-restrizzjonijiet jintreħew ftit ftit.

(34) Madankollu, kif ġara għal-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru ("ASC") f'Ġunju 2013, fil-laqgħa ta' Novembru 2013, l-awtoritajiet Kirgiżi ma' ressqux bil-miktub li se jippermettu lill-Kummissjoni biex tħejji rieżami tal-każ. Barra minn hekk, minħabba nuqqas ta' evidenza min-naħa tal-Kirgiżistan, il-Kummissjoni ma tistax tipproponi li mil-lista Komunitarja jitneħħew l-operaturi tal-Kirgiżistan li ċ-ċertifikati tal-operatur tal-ajru ("AOC") tagħhom ma jħallihomx iwettqu operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru.

(35) Fl-24 ta' Ottubru 2013 il-Kummissjoni walulha kopji tal-AOCs u l-ispeċifikazzjoni tal-operazzjonijiet tal-operatur li għadu kif ġie ċċertifikat TEZ JET u li beda jopera titjiriet kummerċjali fl-1 ta' Awwissu 2013. Ma waslux il-kopji tad-dokumenti relatati ma' tliet trasportaturi tal-ajru ċċertifikati dan l-aħħar: Kyrgyz Airlines, S. Group International u Heli Sky, li altrimenti jkunu jidhru fuq il-websajt uffiċjali tal-awtorità kompetenti, Kirgiża. Madankollu, billi l-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan ma tawx evidenza li tiżgura li s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru hi konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, skont il-kriterji komuni, ġie vvalutat li t-trasportaturi tal-ajru TEZ JET, Kyrgyz Airlines, S. Group International u Heli Sky għandhom jiddaħħlu fl-Anness A.

(36) Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżtan sabiex iżidu l-ħidma biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati mill-ICAO u biex regolarment jikkomunikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe progress fir-rigward tas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Kirgiżtan, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel proposta lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru għal rieżami tal-każ. Skont dik il-kundizzjoni, il-Kummissjoni tibqa' impenjata li torganizza, bl-għajnuna tal-EASA u bl-appoġġ tal-Istati Membri, żjara fuq il-post għall-valutazzjoni tas-sikurezza biex tikkonferma li l-awtoritajiet tal-Kirgiżtan jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom ta' sorveljanza skont l-istandards internazzjonali u li tħejji rieżami tal-każ fil-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

**It-trasportaturi tal-ajru mil-Libanu**

(37) Mill-5 sal-11 ta' Diċembru 2012, l-ICAO għamlet ICVM fil-Libanu u evalwat il-progress li sar biex jissolvew in-nuqqasijiet identifikati fl-awditjar USOAP li għamlet l-ICAO tas-sistemi tal-avjazzjoni ċivili tal-Libanu bejn l-1 u d-9 ta' Lulju 2008. Wara din l-ICVM, deher titjib żgħir fin-nuqqas ġenerali ta' implimentazzjoni effettiva tat-tmien elementi kritiċi ("CE").

(38) Waqt il-missjoni ICVM, it-tim tal-ICVM identifikaw Kwistjoni Sinifikanti dwar is-Sikurezza relatata mal-proċess taċ-ċertifikazzjoni tal-operatur tal-ajru. Instab li l-Libanu kien ħareġ jew ġedded l-AOC u l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet ta' żewġ trasportaturi internazzjonali skedati u ta' għadd ta' detenturi iżgħar tal-AOC involuti f'operazzjonijiet ta' titjiret internazzjonali, bla ma wettaq xi waħda mill-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni meħtieġa. Fil-31 ta' Jannar 2013 il-Kumitat tal-Validazzjoni tal-Kwistjonijiet Sinifikanti dwar is-Sikurezza tal-ICAO ikkonferma li l-Kwistjoni Sinifikanti dwar is-Sikurezza tippersisti.

(39) L-analiżi li għamlu l-Kummissjoni, l-EASA u l-Istati Membri tar-rapport finali tal-ICVM tal-ICAO ta' Diċembru 2012, tissuġġerixxi li l-Libanu għandu problemi biex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Prattiċi Standard u Rakkomandati fi tnejn mill-oqsma USOAP analizzati: l-ajrunavigabbilta ("AIR") u l-investigazzjoni tal-inċidenti ("AIG"). Barra minn hekk, il-kapaċità tal-Istat jidher li hija affettwata minn sejbiet sinifikanti f'erbgħa mill-oqsma USOAP oħrajn analizzati.

(40) Fit-12 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet kompetenti Libaniżi għal laqgħa ta' konsultazzjoni teknika, li għaliha attendew l-EASA u rappreżentant ta' Stat Membru tal-UE. Fil-laqgħa l-awtoritajiet kompetenti Libaniżi taw tagħrif fil-qosor dwar il-liġi tal-avjazzjoni l-ġdida futura (il-Liġi Nru 481/2002) li tipprevedi t-twaqqid ta' awtorità tal-avjazzjoni ċivili li tkun indipendenti, iżda li għadha ma ġietx adottata minħabba l-instabbiltà politika fil-pajjiż. Din l-adozzjoni tiddependi fuq it-twaqqif ta' gvern ġdid, li mbagħad kif mistenni fl-2014, jippermetti li jinħatar Bord tad-Diretturi tal-Awtorità ġdid. L-awtoritajiet kompetenti ddikjaraw li kienu għamlu minnufih il-kompiti li jindirizzaw in-nuqqasijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva tal-ICAO ("PAK"). Skont din il-laqgħa, l-awtoritajiet kompetenti Libaniżi kienu mistiedna jressqu informazzjoni dwar is-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru tagħhom. Il-Kummissjoni u l-EASA se jivvalutaw id-dokumentazzjoni li jaslulhom, filwaqt li jqisu informazzjoni addizzjonali mingħand l-ICAO dwar il-ħidma li ssir biex jissolvew l-SSCs. Il-Kummissjoni tħeġġeġ ukoll il-parteċipazzjoni attiva tal-Libanu fil-MASC (iċ-Ċellula Mediterranja tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) ħalli tippromwovi t-twaqqif tal-Programm tal-Istat dwar is-Sikurezza ("SSP") u jissaħħaħ il-qafas regolatorju tas-sikurezza tal-avjazzjoni fil-Libanu.

(41) Skont is-sitwazzjoni deskritta fil-Premessi (37) sa (40), il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jidhrilhom li hemm bżonn jissoktaw il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet Libaniżi skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 473/2006.

**It-trasportaturi tal-ajru mil-Libja**

(42) Jissoktaw il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Libja ("LYCAA") bil-għan li jiżguraw li l-Libja miexja 'l quddiem f'xogħolha biex tirriforma s-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili tagħha, u b'mod partikolari biex tiżgura li s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Libja tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(43) Fis-7 ta' Ottubru 2013 il-Kummissjoni kitbet lil LYCAA u talbet aġġornament dwar iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' trasportaturi tal-ajru Libjani. Fit-tweġiba tagħhom tad-29 ta' Ottubru 2013, il-LYCAA talbu li jressqu l-progress tagħhom f'laqgħa mal-Kummissjoni u li jidhru quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru f'Novembru.

(44) Fl-ittra tagħhom datata d-29 ta' Ottubru 2013, il-LYCAA kkonfermaw lill-Kummissjoni li se jżommu r-restrizzjonijiet attwali fuq titjiriet fl-Unjoni fuq kull trasportatur tal-ajru u li kull bidla f'dan għandu jkun soġġett għal ftehim bejn il-LYCAA, il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

(45) F'laqgħa fis-7 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni, l-EASA u r-rappreżentanti tal-Istati Membri kellhom diskussjonijiet mal-LYCAA u mat-trasportaturi tal-ajru Libyan Airlines u Afriqyiah Airways. F'dawn id-diskussjonijiet, il-LUCAA ddikjaraw li issa jidhrilhom li lestew il-proċess ta' riċertifikazzjoni f'ħames fażijiet għal-Libyan Airlines, u li din il-linja tal-ajru għandha titħalla topera fl-Unjoni. Id-dokumentazzjoni tal-attivitajiet li għamlu l-LYCAA fil-proċess tar-riċertifikazzjoni ngħataw lill-Kummissjoni fil-laqgħa.

(46) Il-LYCAA u l-Libyan Airlines dehru quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fid-19 ta' Novembru 2013. Il-LYCAA għarrfu lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li issa tlesta l-proċess ta' riċertifikazzjoni f'ħames fażijiet għal-Libyan Airlines, u li jidhrilhom li din il-linja tal-ajru għandha titħalla topera titjiriet fl-Unjoni.

(47) Madankollu, il-LYCAA kkonfermaw b'mod espliċitu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li kull tnaqqis fir-restrizzjonijiet attwali fuq titjiriet fl-Unjoni għandu jkun soġġett għal ftehim il-LYCAA, il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

(48) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru osservaw dan li ġej:

— Id-dokumenti mressqa li jappoġġaw ir-riċertifikazzjoni tal-Libyan Airlines kif ippreżentati lill-Kumitat ma setgħux jiġu evalwati biżżejjed fil-ħin sal-laqgħa tal-Kumitat;

— mill-mistoqsijiet tal-membri tal-Kumitat, deher li l-għadd ta' spetturi tal-LYCAA mhux biżżejjed għall-kompiti tal-awtorità;

— it-titjiriet tal-ambulanza tal-ajru li jsiru kummerċjalment mill-operaturi Libjana ma kinux restritti biżżejjed mil-LYCAA fl-ispazju tal-ajru tal-Unjoni u dan imur kontra l-ftehim bejn il-LYCAA, il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru;

— uħud minn dawn it-titjiriet kienu soġġetti għal spezzjonijiet fir-rampa u xi drabi nstabu nuqqasijiet sinifikanti.

(49) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru ddikjaraw li, qabel il-LYCAA ma jikkunsidraw li joħorġu awtorizzazzjoni lit-trasportaturi tagħhom biex itiru lejn l-Unjoni, għandu jintwera għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni u tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li effettivament tlesta l-proċess ta' riċertifikazzjoni u li hemm sorveljanza kontinwa sostenibbli skont l-istandards tal-ICAO. Jekk dan ma jintweriex għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni u tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, il-Kummissjoni tkun obbligata tieħdu miżuri immedjati biex tipprevjeni lit-trasportaturi tal-ajru milli joperaw fl-Unjoni.

**It-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja**

(50) Skont ir-Regolament (KE) Nru 965/2012, l-Istati Membri li vverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards tas-sikurezza rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-ajru ta' trasportaturi tal-ajru lliċenzjati fil-Mawritanja. L-aktar analiżi riċenti tas-SAFA tal-EASA turi li saru ħames spezzjonijiet fuq inġenji tal-ajru ta' Mauritania Airlines International ("MAI"). L-analiżi tal-EASA dwar in-nuqqasijiet identifikati matul dawn l-ispezzjonijiet tas-SAFA turi xejra inkwetanti. L-ispezzjonijiet ħarġu fid-dieher għadd ta' nuqqasijiet u wħud minnhom għandhom impatt dirett fuq is-sikurezza, l-aktar fejn jidħlu l-kundizzjonijiet tal-manutenzjoni. Wara l-analiżi saru żewġ spezzjonijiet ulterjuri f'Ottubru 2013 li kkonfermaw ix-xejra identifikata u n-natura tan-nuqqasijiet.

(51) L-EASA infurmat lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Mawritanja ("ANAC") dwar dawn ir-riżultati tas-SAFA subottimali. L-ANAC ġiet mistiedna sabiex tieħu azzjonijiet korrettivi u biex tgħarraf lill-Aġenzija dwar dawk l-azzjonijiet. Fl-14 ta' Ottubru 2013, l-ANAC wieġbet u qalet li l-ewwel titjira lejn l-Ewropa saret fit-8 ta' Mejju 2013 u li skont l-indikatur tagħha, hemm xi titjib fix-xejra. L-ispetturi tas-sikurezza tal-ANAC ingħataw istruzzjonijiet speċifiċi biex l-inġenji tal-ajru li nstabilhom is-sejbiet tas-SAFA kklassifikati fil-Kategoriji 2 jew 3, ma jitħallewx itiru lejn l-Ewropa.

(52) Spanja għarrfet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li dan l-aħħar ħarrġet erba' spetturi tal-ANAC oħra viex jagħmlu spezzjonijiet tas-SAFA, u dan għandu jtejjeb is-sitwazzjoni.

(53) Il-Kummissjoni u tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru nnotat li l-ANAC u MAI jeħtieġ jibqgħu jtejbu s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni se ttenni wkoll mal-Mawritanja l-importanza tal-impenji li ħadet fir-rigward tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tagħha dwar il-ħtieġa li ssir analiżi tal-kawżi ewlenin, u li l-ANAC u l-MAI għandhom jagħmlu rapporti regolari.

(54) Jekk ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa jew xi informazzjoni tas-sikurezza rilevanti oħra jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza niżlu f'livell mhux aċċettabbli, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Możambik**

(55) L-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik ("IACM") irrapportaw dwar l-implimentazzjoni li għaddejja tal-PAK li ressqu lill-ICAO u li din approvat. L-aħħar rapport ta' progress li wasal fid-29 ta' Ottubru 2013 jgħarraf li l-IACM ssoktat tindirizza s-sejbiet USOAP pendenti, mil-lat ta' mistoqsijiet assoċjati tal-protokoll, iżda l-validazzjoni tal-ICAO tal-progress rappurtat għadha pendenti u se tiġi avżata mill-aktar fis possibbli. Il-politika ta' taħriġ tal-IACM ġiet stabbilita u qed jithejja l-programm ta' taħriġ korrispondenti.

(56) Fl-istess waqt, il-IACM irrapportat li kompliet il-proċess ta' riċertifikazzjoni tal-operaturi tal-ajru f'konformità sħiħa mas-SARPs tal-ICAO u, sa issa, tnax-il operatur (CFM – Transportes e Trabalho Aéreo S.A., Coastal Aviation, CR Aviation, ETA- Air Charter, Helicópteros Capital, Kaya Airlines Lda, Linhas Aéreas de Moçambique LAM, Moçambique Expresso SARL Mex, OHI, Safari Air, Solenta Aviation (dak li kien CFA-Mozambique) u TTA SARL) ġew iċċertifikati mill-ġdid skont il-lista li pprovdiet il-IACM. tal-Możambik ma kinux f'pożizzjoni li jipprovdu evidenza li tiżgura li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn tnax-il trasportatur tal-ajru hi konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, skont il-kriterji komuni, ġie vvalutat li CFM – Transportes e Trabalho Aéreo S.A., Coastal Aviation, CR Aviation, ETA- Air Charter, Helicópteros Capital, Kaya Airlines Lda, Linhas Aéreas de Moçambique LAM, Moçambique Expresso SARL Mex, OHI, Safari Air, Solenta Aviation (dak li kien CFA-Mozambique) u TTA SARL għandhom jiddaħħlu fl-Anness A.

(57) Il-ħames operaturi l-oħra li kieneu fl-Anness A (Aero-Serviços SARL, Aerovisão de Moçambique, Emílio Air Charter Lda, Unique Air Charter u VR Cropsprayers Lda) ma ġewx iċċertifikati mill-ġdid. Għalkemm ma ddaħħlux fil-lista tal-operaturi ċċertifikati li ressqu l-awtoritajiet, dawn il-ħames operaturi tal-ajru għandhom jidhru fuq il-websajt tal-IACM. Billi l-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik ma setgħux jagħtu evidenza li tiżgura li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn il-ħames trasportaturi tal-ajru hi konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, skont il-kriterji komuni, ġie vvalutat li Aero-Serviços SARL, Aerovisão de Moçambique, Emílio Air Charter Lda, Unique Air Charter u VR Cropsprayers Lda għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(58) L-isforzi għat-tiswir tal-kapaċitajiet issoktaw bl-ingaġġ ta' professjonisti nazzjonali u b'kollox se jiddaħħlu 15-il persuna b'kollox sa tmiem l-2013 (biex jissaħħu l-Operazzjonijiet u l-Liċenzjar; in-Navigazzjoni u l-Ajrudromi; l-Ajrunavigabbiltà, it-Tfassil tar-Regoli u l-Infurzar tal-Ftehimiet tat-Trasport bl-Arju; u l-Amministrazzjoni), u 4 persuni oħra fl-2014 (in-Navigazzjoni u l-Ajrudromi). F'Ottubru 2013 kien disponibbli wkoll espert fl-AGA (l-Ajrudromi, ir-Rotti fl-Ajru u l-Għajnuniet fl-Art) permezz ta' proġett li sponsorjat l-ICAO biex issaħħaħ dan il-qasam.

(59) Il-IACM irrappurtat ukoll li t-trasportatur tal-ajru Linhas Aéreas de Moçambique ("LAM") issokta bl-implimentazzjoni tal-fażijiet avvanzati, l-aktar il-Fażi III, tas-Sistema tal-Ġestjoni tas-Sikurezza tagħhom ("SMS"). Inħatru Maniġers tas-Sikurezza u Uffiċjali tas-Sikurezza għal kull qasam operazzjonali, u għaddejjin it-taħriġ għall-SMS u l-kisba tal-għodod fl-IT għall-integrazzjoni tas-Sistema tal-Kwalità mal-SMS. Fl-istess waqt, u wara awditjar suċċess f'Ġunju 2013, il-AM ġedded iċ-ċertifikazzjoni IOSA (il-Programm ta' Awtidjar tas-Sikurezza Operazzjonali tal-IATA) tiegħu u issa tibqa' valida sa Ottubru 2015. Is-sistema tal-kwalità tal-LAM ġiet awditjata b'suċċess f'Awwissu 2013 u ġiet rivalidata ċ-ċertfikazzjoni ISO 9001 tagħha.

(60) L-IACM talbet ICVM ħalli tivvalida l-progress fl-implimentazzjoni tal-PAK u l-ICAO qed tippjana li tagħmel dan f'April 2014.

(61) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru apprezzaw il-progress irrappurtat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik fir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO, l-aktar dawk maħsuba għat-tiswir tal-kapaċitajiet interni, u ħeġġew l-isforzi tagħhom biex ilestu xogħolhom għat-twaqqif ta' sistema tal-avjazzjoni li tkun konformi għalkollox mal-istandards tal-ICAO.

(62) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru għarfu u apprezzaw ukoll it-titjib sostnut li rrappurta l-LAM fl-isforzi kontinwi tiegħu biex jaderixxi mal-istandards internazzjoni tas-sikurezza u jadottahom.

**It-trasportaturi tal-ajru min-Nepal**

(63) F'Mejju 2009, mill-awditjar tal-ICAO ħarġu sejbiet li kkonfermaw li l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezz min-naħa tan-Nepal kienet relattivament ferm inqas mill-medja dinjija.

(64) Mill-awditjar ħareġ li l-awtorità kompetenti tan-Nepal ("CAAN") ma kinitx f'qagħda li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza fl-oqsma tal-operazzjonijiet tal-ajru, tal-ajrunavigabbiltà u tal-investigazzjonijiet tal-inċidenti, u li kien hemm sejbiet sinifikanti li jaffettwaw il-kapaċità tal-pajjiż fl-oqsma tal-leġiżlazzjoni primarja dwar l-avjazzjoni u tar-regolamenti dwar l-avjazzjoni ċivili, l-organizzazzjoni tal-avjazzjoni ċivili u l-persunal għall-għoti tal-liċenzji u tat-taħriġ.

(65) Fi żmien sentejn, bejn Awwissu 2010 u Settembru 2012, fin-Nepal ġraw ħames inċidenti fatali li kienu jinvolvu għadd ta' ċittadini mill-Unjoni u inġenju tal-ajru rreġistrat fin-Nepal. Barra minn hekk, kien hemm tliet inċidenti oħra fl-2013. Ir-rata għolja ta' inċidenti turi li jeżistu nuqqasijiet sistemiċi fil-qasam tas-sikurezza.

(66) Skont l-informazzjoni mill-konsultazzjonijiet bejn il-CAAN u l-Kummissjoni u l-EASA, il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru rreveda s-sitwazzjoni fir-rigward tas-sikurezza tal-avjazzjoni fin-Nepal għall-ewwel darba matul il-laqgħa tal-Kumitat f'Ġunju 2013.

(67) Minkejja n-nuqqasijiet serji nnotati u l-għadd kbir ta' inċidenti tal-ajru, il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tħeġġeġ bl-inizjattivi li ħadu l-awtoritajiet kompetenti, iżda ddikjara li rieżami tar-riżultati tal-ICVM tal-ICAO u informazzjoni oħra dwar is-sikurezza jista' jwassal lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(68) L-ICAO għamlet ICVM f'Lulju 2013, li wassal għal Każ ta' Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza ("SSC") relatat mal-operat tal-inġenji tal-ajru. L-ewwel Pjan ta' Azzjoni Korrettiva li ressqet il-CAAN lill-ICAO biex tikkoreġi n-nuqqasijiet innotati fl-SSC, ma kienx tlesta sal-iskadenza stipulata, l-SSC baqa' fis-seħħ. Ir-rapport sħiħ tal-ICVM għadu mhux disponibbli.

(69) Fid-9 ta' Novembru 2013, il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-CAAN dwar l-azzjonijiet tagħha fir-rigward ta' titjib fis-sikurezza tal-avjazzjoni fin-Nepal. Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sabu li minkejja l-isforzi sinifikanti li għamlet il-CAAN, xorta għad baqa' tħassib sostanzjali dwar ir-riskji tas-sikurezza tal-avjazzjoni li mhux jiġi indirizzat biżżejjed.

(70) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' wkoll il-preżentazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni tal-Operaturi tal-Linji tal-Ajru tan-Nepal, Nepal Airlines, Buddha Air, Yeti Airlines, Tara Air u Shree Airlines.

(71) Il-preżentazzjonijiet tat-trasportaturi tal-ajru koprew l-aktar il-ġestjoni tas-sikurezza u t-taħriġ tal-piloti, u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tħeġġeġ bl-attitudni professjonali tal-linji tal-ajru fejn tidħol is-sikurezza tal-avjazzjoni inġenerali.

(72) Minkejja l-isforzi tal-CAAN, mhemmx evidenza biżżejjed ta' titjib ċar u sostenibbli. Din l-osservazzjoni hi appoġġata bil-ħruġ ta' SSC mill-ICAO u min-nuqqas ta' kapaċità biex b'mod effiċjenti jissewwew il-problemi identifikati minnha.

(73) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru osservaw li filwaqt il-CAAN titqies li tinsab fil-fażi tat-tiswir tal-kapaċitajiet, il-kapaċitajiet meħtieġa tal-CAAN biex tiżgura li jintlaħqu l-obbligi internazzjonali tagħha, għadhom mhumiex fis-seħħ.

(74) Filwaqt li xi trasportaturi tal-ajru jaf għandhom biżżejjed riżorsi biex imexxu s-sikurezza skont l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jidhrilhom li l-problemi tal-CAAN iġibuha f'pożizzjoni li ma tistax tiżgura s-sikurezza tat-trasportaturi tagħha.

(75) Skont is-sitwazzjoni fil-Premessi (63) u (74), u skont il-kriterji komuni, ġie vvalutat li n-Nepal ma jilħaqx l-istandards tas-sikurezza rilevanti u għalhekk għandu jkun soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat u jiddaħħal fl-Anness A.

(76) Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA u l-Istati Membri, lesta biex tagħmel żjara fuq il-post fin-Nepal, jekk possibbli qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, bħalli tibqa' tevalwa l-kapaċitajiet tal-CAAN u tat-trasportaturi tal-ajru kbar tan-Nepal, bil-ħsieb li jinstab jekk tistax titnaqqas il-projbizzjoni fuq l-operat.

(77) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jagħrfu d-diffikultajiet li ssib il-CAAN u se teżamina l-possibbiltajiet li jitwessa' l-programm ta' koperazzjoni teknika li diġà jeżisti il-CAAN u l-EASA.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Filippini**

(78) Cebu Pacific ddeċida li ma jmurx il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru ta' Ġunju, minħabba inċident li kellu t-trasportatur fit-2 ta' Ġunju 2013 fl-Ajruport Internazzjonali ta' Davao meta spiċċa ħareġ mir-runway.

(79) Sal-laqgħa ta' Ġunju tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru (ASC), l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivil tal-Filippini (CAAP) u t-trasportatur tal-ajru Cebu Pacific ressqu ċerti dokumenti ħalli l-Kummissjoni tkun tista' tikseb stampa aktar ċara dwar l-azzjonijiet tas-sikurezza ta' Cebu Pacific u l-CAAP fir-rigward tal-inċident. Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru osservaw l-isforzi pożittivi kontinwi tal-CAAP u apprezzaw l-impenn trasparenti mal-Kummissjoni fir-rigward tal-inċident.

(80) Il-Kummissjoni stiednet rappreżentanti tal-CAAP u Cebu Pacific għal laqgħa teknika ħalli jiddiskutu dawn l-azzjonijiet tas-sikurezza u fatturi oħra rilevanti fir-rigward tal-inċident f'aktar dettall.

(81) L-Istati Membri osservat li l-Philippine Airlines reġa' beda jopera servizzi lejn l-Unjoni fl-4 ta' Novembru 2013, wara li f'Lulju 2013 tneħħa mill-Anness A tal-lista tas-sikurezza tal-UE. L-Istati Membri se jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Federazzjoni Russa**

(82) Inġenji tal-ajru operati minn trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Federazzjoni Russa u li jtiru lejn ajruporti fl-Unjoni qed ikunu suġġetti għal spezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA bi prijorità biex tkun verifikata l-konformità tagħhom mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-EASA qed ikomplu jgħarrfu lill-kontropartijiet tagħhom fil-Federazzjoni Russa dwar it-tħassib identifikat u jistednuhom sabiex jieħdu azzjoni biex jindirizzaw kull nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-ICAO.

(83) Sadanittant, il-Kummissjoni għadha għaddejja bid-djalogu dwar kwistjonijiet ta' sikurezza tal-avjazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa b'mod partikolari biex tiżgura li jitrażżan kif xieraq kull riskju attwali kkawżat minn kwalità fqira fil-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Federazzjoni Russa.

(84) Fit-7 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA u diversi Stati Membri, għamlet laqgħa mar-rappreżentanti tal-Aġenzija Federali tat-Trasport tal-Ajru Russa (FATA) fejn il-FATA pprovdiet tagħrif fil-qosor dwar il-miżuri meħuda mill-awtorità u mit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati biex jiġu indirizzati s-sejbiet identifikati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA. B'mod partikolari, il-FATA ddikjarat li se tikkontrolla l-prestazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u lesta tintervjeni jekk ikun meħtieġ. Sabiex tivverifika l-konformità tat-trasportatur tal-ajru, din tuża regolarment ir-riżultati tas-SAFA fil-proċess ta' spezzjoni taċ-ċertifikazzjoni jew ta' ħruġ ta' approvazzjonijiet speċifiċi.

(85) Bil-għan li jitwieġbu mistoqsijiet relatati ma' żieda qawwija fil-proporzjon tas-SAFA, għal-laqgħa tas-7 ta' Novembru ġew mistiedna wkoll rappreżentanti ta' "Kogalymavia". L-awtorità kompetenti Russa infurmat li kienet għamlet spezzjoni mhux skedata ta' "Kogalymavia", u ħarġu sejbiet serji fl-oqsma tal-ajrunavigabbiltà, l-operazzjonijiet tat-titjira u l-ġestjoni tas-sikurezza. It-trasportatur tal-ajru ngħata xahar biex isewwi dawn is-sejbiet kollha. Minn hemm 'il quddiem, fi żmien ġimagħtejn, il-FATA se tagħmel spezzjoni ta' segwitu u tiddeċiedi jekk tillimitax, tissospendix jew tirrevokax l-AOC tiegħu. Il-Kummissjoni osservat li l-flotta u l-operazzjonijiet ta' dan it-trasportatur tal-ajru għandhom jiġu rieżaminati mill-qrib flimkien ma' titjib fis-superviżjoni li għaddejja ħalli tikkonferma li titjieb malajr il-kundizzjoni teknika tal-ajruplani u s-sikurezza tat-titjiriet. Jekk is-sitwazzjoni ta' "Kogalymavia" ma titjiebx, jew il-miżuri tal-awtoritajiet ma jkunux xierqa, il-Kummissjoni se tieħu azzjoni xierqa. Billi ftit mill-flotta hi rreġistrata l-Irlanda, l-awtorità kompetenti tal-Irlanda (IAA) se tieħu mizuri xierqa.

(86) Il-Kummissjoni u l-EASA għandhom ikomplu jimmonitorjaw mill-qrib il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru, iċċertifikati fil-Federazzjoni Russa, li joperaw lejn l-Unjoni. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tal-istandards tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni u l-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom isiru fuq l-inġenji tal-ajru ta' dawk it-trasportaturi skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiskambja l-informazzjoni relatata mas-sikurezza mal-awtoritajiet kompetenti Russi sabiex ikun konfermat li s-sejbiet li jirriżultaw minn spezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA jkunu ġew indirizzati b'mod adegwat mit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati.

(87) Fil-każ li r-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa, jew xi informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Jemen (Yemen Airways)**

(88) Ir-rapport dwar l-Investigazzjoni b'rabta mal-inċident tal-Yemen Airways ("Yemenia") f'Moroni, il-Gżejjer ta' Komoros, fid-29 ta' Ġunju 2009 (2254 UTC) ġie ppubblikat fil-25 ta' Ġunju 2013. Skont l-Istandards Internazzjonali r-rapport kien ippubblikat mill-Istat tal-Komoros bil-parteċipazzjoni ta' Stati oħra, bħal Franza, l-Istati Uniti u l-Jemen. Kien hemm tħassib fost uħud mill-parteċipanti dwar il-ħin li kien għadda bejn l-inċident innifsu u l-pubblikazzjoni tar-rapport finali.

(89) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru laqgħet il-pubblikazzjoni tar-rapport finali. F'termini ta' konklużjonijiet, fejn tidħol Yemenia, ir-rapport jgħid li l-inċident sar minħabba azzjonijiet skorretti min-naħa tal-ekwipaġġ fil-kontroll tal-passaġġ tat-titjira tal-inġenju tal-ajru li wasslu biex dan daħal f'waqfien waqt it-titjir mingħajr irkupru, li rriżulta f'impatt mal-baħar. Il-fattur li antiċipa l-waqfien waqt it-titjir kien manuvru viżwali mhux ikkontrollat matul proċedura ta' dawran billejl. Fir-rapport intqal li l-ekwipaġġ tal-Yemenia probabbilment ma kellhomx il-ħila mentali li jirreaġixxu b'mod adegwat għall-allarmi varji tal-kokpit. Barra minn hekk ir-rapport osserva li kien hemm nuqqas ta' proċedura ċara li l-ekwipaġġ kellu jsegwi f'każ li dawl wieħed jew iż-żewġ dwal tal-allinjament tar-runway ma setgħux jintużaw.

(90) Ir-rapport dwar l-Inċident ressaq tliet rakkomandazzjonijiet ewlenin: l-ewwel nett li l-awtoritajiet tal-Komoros jintroduċu miżuri tal-emerġenza permanenti adattati għar-riċerka u għas-salvataġġ sussegwenti ta' inċident ta' inġenju tal-ajru li jseħħ fil-baħar qrib il-żoni tal-mitjar tagħhom, it-tieni li l-awtoritajiet tal-Jemen jiżguraw li l-ekwipaġġi kollha li jwettqu titjiriet lejn Moroni huma mħarrġa b'mod tajjeb biex jikkompletu l-proċeduri tal-Manuvru Viżwali u tar-Rotta Preskritta (Visual Manoeuvring with Prescribed Track/MVI) u t-tielet li l-awtoritajiet

tal-Jemen jirrevedu t-taħriġ tal-bdoti tal-Yemenia speċifikament fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

